# IL-QORTI ĠENERALI

## Teħid ta’ ġurament minn Membri ġodda tal-Qorti Ġenerali

(2022/C 398/02)

Maħtur bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea permezz ta’ deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tas-27 ta’ April 2022 ([1]), għall-perijodu bejn l-1 ta’ Settembru 2022 u l-31 ta’ Awwissu 2028, Goulielmos Valasidis ħa ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta’ Settembru 2022.

Maħtur bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea permezz ta’ deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta’ Ġunju 2022 ([2]), għall-perijodu bejn l-1 ta’ Settembru 2022 u l-31 ta’ Awwissu 2028, Steven Verschuur ħa ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta’ Settembru 2022.

Maħtura bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea permezz ta’ deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta’ Lulju 2022 ([3]), għall-perijodu bejn l-1 ta’ Settembru 2022 u l-31 ta’ Awwissu 2028, Elisabeth Tichy-Fisslberger ħadet ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta’ Settembru 2022.

## Elezzjoni tal-President tal-Qorti Ġenerali

(2022/C 398/03)

Fil-laqgħa tas-16 ta’ Settembru 2022, l-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali eleġġew, konformement mal-Artikolu 9(1) tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Imħallef Marc van der Woude bħala President tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu mis-16 ta’ Settembru 2022 sal-31 ta’ Awwissu 2025.

## Elezzjoni tal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali

(2022/C 398/04)

Fil-laqgħa tas-16 ta’ Settembru 2022, l-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali eleġġew, konformement mal-Artikolu 9(4) tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Imħallef Savvas Papasavvas bħala Viċi President tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu mis-16 ta’ Settembru 2022 sal-31 ta’ Awwissu 2025.

([1]) ĠU L 126, 29.4.2022, p. 23.
([2]) ĠU L 173, 30.6.2022, p. 77.
([3]) ĠU L 198, 27.7.2022, p. 16.